# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 16/2022 BS**

**Josephine Azzopardi**

**-vs-**

**Lora sive Doreen Vella**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi[1] illi ppremettiet:**

1. *Illi ir-rikorrenti u l-konvenuta jiġu t-tfal tal-mejta Jane Curmi li kienet detentriċi tal-karta ta' l-identità bin-numri 22753G li mietet nhar it-3 ta' Ġunju 2020 (vide Dok A);*

2. *Illi Jane Curmi kienet miżżewġa lil Joseph Curmi, u nhar l-1 ta' Ottubru tas-sena 1999 hija ġiet legalment separata minn ma żewġha permess ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-nutar Josianne Cini (vide Dok B);*

[1] Rik. Gur. a fol 1 sa 3 b'dokumenti annessi a fol 5 sa 21.

3. *Illi l-istess Jane Curmi permezz ta' testment ppublikat in-atti tan-nutar Josianne Mifsud (già Cini) datat nhar il-5 ta' Settembru tas-sena 2007, din innominat bħala eredi universali tal-beni kollha in ġenerali preżenti u futuri, kemm dawk mobbli u mmobbli, lill bintha Lora sive Doreen Vella, ċioe l-konvenuta, mart Roy li toqgħod Viċtoria Għawdex, bis-sostituzzjoni vulgari ta' uliedha;*

4. *Illi fl-istess artikolu (u ċioe l-artikolu numru tnejn tat-testment – kopja hawn anness u mmarkata bhala Dok C) it-testatriċi, ċioe Jane Curmi, iddikjarat li l-premessa li bintha Lora sive Doreen Vella kienet ġiet innominat bħala eredi universali tal-beni kollha in ġenerali preżenti u futuri kienet 'illi hija m'hijiex qed tħalli xejn lil bintha l-oħra Josephine Azzopardi, mart Saviour, peress illi t-testatriċi u żewġha Joseph Curmi, [omissis], ftehmu illi l-imsemmi żewġha Joseph iħalli bhala eredi universali tiegħu lill-imsemmija Josephine Azzopardi u li t-testatriċi tħalli bhala eredi universali tagħha lill-imsemmija binthom l-ohra Lora sive Doreen Vella';*

5. *Illi skond ir-rikorrenti t-testment ta' ommha Jane Cumri huwa bbażat fuq il-premessa li Joseph Curmi iħalli bħala eredi universali tiegħu lir-rikorrenti u dan huwa minnu stante li Jane Curmi ħasset il-bżonn li fl-istess artikolu tnejn, ċioe dak fejn innominat lill-intimata Lora sive Doreen Vella kienet ġiet innominat bħala eredi universali tal-beni kollha in ġenerali preżenti u futuri, spjegat u allaċjat l-istess nomina ftehim dwar wirt futur;*

6. *Illi l-ligijiet ta' Malta huma skjetta dwar x'jiġri jekk il-ftehim huwa wieħed dwar wirt futur, kemm jekk il-wirt huwa ta' persuna li hija parti fil-ftehim u kemm jekk il-ftehim jsir dwar il-wirt ta' terza persuna, dak il-ftehim ma jkunx jiswa;*

7. *Illi r-raġuni li r-rikorrenti qed tibbaża din l-azzjoni fuqha hija waħda ta' ordni pubbliku u msejsa fid-dritt Ruman ossija 'nisi ipse forte, de ċuius hereditate paċtum est, voluntatem suam eis aċċommodaverti et in ea usque ad extremum vitae spatum perseveraverit' u dan għaliex il-liġi nostrana ma tridx illi jkun hemm dak li jissajjaħ votum ċaptandae mortis ċioe l-interess ta' parti li persuna tfittex tmut sabiex dik il-parti tgawdi l-effetti tal-ftehim;*

8. *Illi r-rikorrenti għalhekk qed tressaq din l-azzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti stante li fit-testment surreferit hemm kondizzjoni kuntrarja għal-Liġi u b'hekk huwa annullabli.*

**Talbet għalhekk lill din il-Qorti:**

*(i)* ***tiddikjara** u **tiddeċiedi** li t-testment ta' Jane Curmi datat nhar il-5 ta' Settembru tas-sena 2007 pubblikat in atti tan-nutar Josianne Mifsud huma għal kollox nulli u mingħajr ebda effett fil-Liġi;*

*(ii) konsegwentement **tiddikjara** u **tikkonferma** li Jane Curmi b'hekk mietet ab intestato;*

*(iii)* ***tiddikjara** u **tikkonferma** illi lir-rikorrenti Josephine Azzopardi, hija eredi ta' ommha Jane Curmi.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimata li hija minn issa stess imsejħa sabiex tidher għas-subizzjoni.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta[2] illi eċċepiet:**

*(1) Illi preliminarjament, l-esponenti teċċepixxi, u dan hekk kif ser jigi dettaljatament ippruvat matul is-smiegħ tal-kawża, illi talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dirtt u fil-fatt u għandhom jigu miċhuda bl-ispejjez kontra l-istess attriċi;*

*(2) Illi di fatti jirrizulta illi l-attriċi imkien u fl-ebda mument ma qegħda tagħmel referenza għall-Artikolu tal-Ligi invokat minnha;*

*(3) Illi in oltre, minkejja illi jingħad fil-premessi tal-attriċi illi t-testment ta' ommha Jane Curmi huwa bbazat fuq il-premessa li Joseph Curmi ihalli bhala eredi universali tiegħu lir-rikorrenti dana assolutament ma huwiex minnu u di fatti kif ser jirrizulta matul is-smiegħ tal-kawża, kienu jezistu ragunijiet ferm gravi u validi fil-ligi għalfejn effettivament it-testatriċi Jane Ċurmi ma halliet ebda wirt lill-bintha ir-rikorrenti Josephine Azzopardi;*

*(4) Illi in oltre, jirrizulta illi dak li jingħad fil-premess numru sitta (6) u sebgħa (7) assolutament ma jsegwix;*

---

[2] Risposta guramentata a fol 27 sa 29.

*(5) Illi għaldaqstant, jirrizulta bl-iktar mod ċar illi tali testament ma huwiex wieħed annullabbli ai termini tal-ligi Maltija;*

*(6) Illi in olter, huwa fatt ċar u ben risaput illi l-legislatur sa minn dejjem kien ċar fis-sens li kwalsiasi Qorti għandha sa fejn possibbli tattwa l-volonta' tad-deċujus;*

*(7) Illi konsegwentement huwa umilment sottomess illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha hekk kif dedotti mill-attriċi fir-rikors guramentat tagħha;*

*(8) Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;*

*Bl-ispejjez.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** iċ-ċertifikat tal-mewt ta' Jane Curmi nee' Formosa, legalment separata minn Joseph Curmi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni tal-1 ta' Ottubru, 1999 in atti Nutar Josianne Cini, li mietet nhar it-3 ta' Ġunju, 2020 fl-Imsida, Malta.[3]

**Rat** il-kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-1 ta' Ottubru, 1999 in atti Nutar Josianne Cini ffirmat minn Jane Curmi nee' Formosa u Joseph Curmi.[4]

**Rat** it-testment *ivi* kkontestat ta' Jane Curmi datat il-5 ta' Settembru, 2007 in atti Nutar Josianne Mifsud.[5] Ikkonfermat ukoll li dan kien l-aħħar testment tad-deċujus Jane Curmi.[6]

[3] Ċertifikat tal-mewt numru 1856/2020 a fol 5.
[4] Kopja tal-kuntratt inkluz dokumenti annessi miegħu a fol 6 sa 15. Il-kuntratt jikkonferma li [i] miz-zwieg bejn Joseph Curmi u Jane Curmi twieldu zewg ulied, il-partijiet hawn kontendenti [l-ewwel premessa]; [ii] Jospeh u Jane Curmi rrinunzjaw reċiprokament għad-drittijiet ereditarja lill kull parti minnhom spettanti fuq l-assi tal-parti l-ohra [klawsola numru ii]. Kopja awtentikata tal-kuntratt inkluz dokumenti annessi miegħu a fol 52 sa 61.
[5] Testment a fol 16 u 17. Fl'istess testment, it-testatriċi bdiet sabiex irrevokat, hasret, u annullat kull testment preċedenti tagħha [l-ewwel artikolu]. Għaddiet imbagħad sabiex provediet kif isegwi: *It-testatriċi tinnomina bhala eredi universali tal-beni tagħha kollha in generali, prezenti u futuri, mobbli u mmobbli, lil bintha Lora sive Doreen Vella, mart Roy, toqgħod Victoria, Għawdex, bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedha. Bl-obbligu li tibqa tiehu hsieb it-testatriċi sa mewtha u ma tirrikoverahiex f'xi sptar gerijatriku, vulgo tax-xjuh, jekk mhux f'kaz ta' assoluta neċessita'. It-testatriċi tiddikjara illi hija m'hijiex qed thalli xejn lil bintha l-ohra Josephine Azzopardi, mart Saviour, peress illi t-testatriċi u zewgħa Joseph Curmi, fuq imsemmi, ftehmu illi l-imsemmi zewgħa Joseph ihalli bhala eredi universali tiegħu lill-imsemmija binthom Josephine Azzopardi u li t-testatriċi thalli bhala eredi universali tagħha lill-imsemmija binthom l-ohra Lora sive Doreen Vella* [it-tieni artikolu]. Kopja awtentikata min-Nutar Josianne Mifsud ezebita a fol 50 u 51.
[6] Ref. riċerka testamentarja a fol 18 sa 20.

**Rat** in-nota tal-attriċi tad-19 ta' April, 2022 permezz ta' liema, u b'referenza għat-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta, ikkonfermat li l-azzjoni odjerna ġiet minnha ntavolata ai termini tal-Artikoli 871 u 984 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Ligijiet ta' Malta.[7]

**Rat** li fl-udjenza tal-5 ta' Mejju, 2023 l-attriċi ddikjarat l-provi tagħha magħluqha.[8]

**Rat** li fl-udjenza tat-22 ta' Settembru, 2023 il-konvenuta ddikjarat l-provi tagħha magħluqha.[9]

**Rat** li fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2023 il-partijiet iddikjaraw li l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza bil-fakolta' li jsiru noti tal-osservazzjonijiet finali bil-kawża tħalliet għalhekk għal-llum għas-sentenza.[10]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.[11]

## B. Provi:

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Josephine Azzopardi**, l-attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[12]

Tiddikjara li hi u ohtha huma wild id-deċujus Jane Curmi li naqqset nhar it-3 ta' Ġunju, 2020. Iżżid li ommha u missiera Joseph Curmi sseparaw nhar l-1 ta' Ottubru, 1999.

Tgħid li hi taf li lejn l-aħħar tal-ħajja ta' ommha, oħta kienet ta' kuljum tkun għand ommhom u Richard Calleja, li kien jgħix ma' ommhom.

---

[7] Nota a fol 34.
[8] Verbal a fol 88.
[9] Verbal a fol 93.
[10] Verbal a fol 108 u 109.
[11] Nota tal-attriċi a fol 110 sa 119. Nota tal-konvenuta tal-25 ta' Marzu, 2024 – mhux paginata.
[12] Affidavit a fol 40 u 41.

Tiddikjara li hi qatt ma' kellmet lill-ġenituri tagħha dwar wirt jew testmenti għaliex kienet temmen li qatt ma' kien ser ikun li l-istess kienu ser jiddistingwu bejn uliedhom. Iżżid li hi żammet l-istess relazzjoni maż-żewġ ġenituri tagħha anke wara li dawn isseparaw.

Tgħid li l-lejl ta' qabel ma' mietet ommha, hi biss kienet magħha. Iżżid li fil-fatt kienet hi li ċemplet lill oħta sabiex tmur minnufih stante li ommhom kienet lejn l-aħħar. Tgħid li oħta laħqet lill-ommha bil-ħniena mentri Richard ma' tfaċċax.

Tgħid li oħta kienet bdiet torganizza l-funeral ta' ommhom u hi kienet tittenta tgħin iżda oħta qatt ma ħallieta tgħin. Iżżid li fuq is-santa tal-mewt ta' ommhom oħta poġġiet isimha l-ewwel minkejja li tiġi iżgħar minnha – mix-xhud.

Tiddikjara li waqt li kienu jiddiskutu l-funeral oħta qaltilha li kienet diġa' taf x'hemm fit-testment għax kienet preżenti għand in-nutar dakinhar li sar. Iżżid li hi ssorprendiet ruħha b'dan. Tgħid li jekk tassew oħta kienet hemm għand in-nutar ommhom bilfors sfat xi ftit influwenzata.

Tgħid li oħta ssuġġeritilha tagħmel l-istess ma' missierhom. Iżżid li skont oħta l-ġenituri tagħhom kienu ftehmu dwar kif ser jiddisponu mill-eredita' tagħhom. Tgħid li dan id-diskors ta' oħta beda biss jagħmel sens wara li rat it-testment ta' ommha.

Tgħid li hi kienet taħseb li l-ġenituri tagħha kellhom testment *uniċa ċharta* li potenzjalment waqa' malli sseparaw. Iżżid iżda li qatt ma' staqsithom dwar testmenti u jekk għamlux wieħed separat kull wieħed.

Tgħid li mir-riċerka rriżulta li ommha kellha biss testment wieħed – dak ikkontestat – u mhux kif ħasbet hi u li dan ġie miktub wara li kienet diġa' sseparat.

Tgħid li meta rat kopja tat-testment ta' ommha rat li hi ġiet kompletament eskluża. Iżżid li skont l-istess testment dan kien stante arranġament li omma għamlet ma' missiera sabiex hi tikteb kollox lill-oħta u missiera jikteb kollox lilha.

Tgħid li arranġament bħal dak dikjarat jidher stramb u skontha ma' jagħmilx sens għaliex testment jista' jinbidel mil-lum għal għada. Iżżid li

oltre dan anqas hu sew li wieħed jiftiehem fuq eredita' ta' persuna li għadha hajja.

Tgħid li wara żmien tibki lill-ommha kelmet xi nutara nkluż in-Nutar Ian Spiteri li tagħha parir tkellem avukat. Iżżid li għalhekk kelmet avukat li bgħat ittra ġudizzjarja u wara mexxew b'din il-kawża sabiex it-testment ta' ommha jiġi dikjarat null.

**Xehdet ulterjorment**[13] li oltre dak minnha dikjarat fl-affidavit tagħha għandha xi dokumenti li tixtieq tezebixxi. Tispjega li d-dokumenti huma emails mibgħuta bejn ħabib tagħha u n-Nutar Ian Spiteri dwar it-testment ta' ommha.

Teżebixxi kopja tal-emails.[14]

Tgħid li n-Nutar Spiteri qalilha tqabbad avukat u anke li n-Nutar Josianne Mifsud damet ma' tagħtu kopja tat-testment ta' ommha.

Tgħid ukoll li oħta l-konvenuta magħha kkonfermat li dakinhar li sar it-testment hi kienet preżenti għand in-nutar ma' ommha.

Tirrepeti li oħta nsistit magħha li ommhom u misserhom ftehmu li kull wieħed minnhom iħalli lill-wahda mill-aħwa – partijiet kontendenti – bħala werrieta tiegħu. Iżżid li oħta qaltilha tara li missierhom jagħmel skont dak miftiehem ma' ommhom a favur tagħha – tax-xhud.

Tgħid li hi rrispondiet li dan ma' kienx kif isiru l-affarijiet u ma' kienitx lesta tagħmlu. Tgħid li oħta nsistit li missierhom kellu ta' bilfors jagħmel hekk stante li ommhom ħalliet kollox lilha.

Tgħid li hi nsistit ma' oħta li ma' tasalx tagħmel hekk b'missierhom.

**Nutar Josianne Mifsud**, xehdet[15] li kunjomha ta' xebba kien Cini. Tgħid li lit-testariċi Jane Curmi kienet tafha kemm mir-raħal, ix-Xagħra, Għawdex, kif ukoll għaliex Jane u l-eks raġel tagħha Joseph Curmi kienu talbuha tirrediġi l-kuntratt ta' separazzjoni personali bejniethom.

[13] Traskrizzjoni a fol 79 sa 83.
[14] Emails a fol 84 sa 87.
[15] Traskrizzjoni a fol 62 sa 64.

Tgħid li Jane marret għandha sabiex tagħmel testment wara li sseparat minn ma' Joseph.

Tgħid li għalhekk għal Jane u Joseph Curmi hi ppublikat att ta' separazzjoni u testment.

Permessa taqra t-tieni artikolu tat-testment ta' Jane tal-5 ta' Settembru 2007, u mistoqsija ġibditx l-attenzjoni ta' Jane li setgħa jkun hemm kwistjoni b'tali tieni artikolu, tgħid li kien għalhekk li hi qaltilha tniżżel li ftehmu hekk.

Tgħid li għat-testment għandha marret Jane Curmi waħedha.

Tgħid li hi taf li Jane u l-eks raġel tagħha Joseph kienu ftehmu li jagħmlu dak dikjarat fit-testment ta' Jane. Iżżid li ma' tafx jekk tali ftehim sarx dakinhar tal-kuntratt ta' separazzjoni. Iżżid li fil-kuntratt ta' separazzjoni m'hemm xejn miktub f'dak is-sens. Iżżid li taf li kienu ftehmu bil-fomm biss li Joseph ser iħalli bħala werrieta lil Josephine u Jane ser tħalli bħala werrieta lil Lora.

Tgħid li dan qaluhulha t-tnejn li huma: Joseph u Jane Curmi. Iżżid li qaluhulha qabel ma' sseparaw.

Tgħid li l-kliem fit-tieni artikolu tat-testment ta' Jane ma' talbitux Jane iżda qaltilha hi sabiex jitniżżel u dan sabiex l-affarijiet ikunu sew.

Dwar ix-xhieda fuq it-testment ta' Jane tgħid li dawn joqodu viċin l-uffiċju tagħha.

Teżebixxi kopji awtentikati tal-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn Jane u Joseph Curmi u tat-testment ta' Jane Curmi.[16]

Tobbliga ruħha li permezz ta' nota tforni l-indirizzi tax-xhieda li dehru fuq it-testment ta' Jane Curmi.[17]

---

[16] Kopja awtentikata tat-testment a fol 50 u 51. Kopja awtentikata tal-kuntratt ta' separazzjoni personali a fol 52 sa 61.
[17] Verbal a fol 65. Nota tal-25 ta' Ottubru, 2022 bl-indirizzi a fol 66.

**Lora sive Doreen Vella**, konvenuta, xehdet permezz ta' affidavit.[18]

Tiddikjara li hi dejjem kellha relazzjoni tajba ħafna ma' ommha u dejjem ħadet hsiebha u rrispettata. Iżżid li għal kuntrarju oħta ma' kellix relazzjoni tajba ma' ommhom u kien ilha li qatgħet il-kuntatt magħha xi sentejn u nofs qabel mietet. Tgħid li omma u oħta kemm-il darba ġġieldu u ġieli anke spiċċaw fl-idejn.

Tiddikjara li hi kienet taf li ommha għamlet testment iżda ma' kienitx taf x'kitbet fih. Tgħid li kien biss wara li mietet ommha li saret taf li ommha ħalliet lilha biss bħala eredi tagħha. Tgħid li hi kellmet lill-oħta l-attriċi u offriet li tagħtiha l-leġittima iżda oħta rrifjutat għax ma' rieditx li jinqala ġlied bejniethom.

Tgħid li wara li mietet ommhom oħta kienet tmur fid-dar fejn kienet tgħix ommhom u tieħu l-affarijiet minn ġo fiha. Iżżid li ma' tafx eżatt x'ħadet iżda ħadet xi deheb ta' ommhom.

Tgħid li għal xi żmien wara l-mewt ta' ommhom hi u oħta ma' kellhomx problemi bejniethom. Iżżid li xi xhur wara oħta avviċinata u talbitha tkellem lil missierhom sabiex jagħtiha appartament f'Għawdex bħala donazzjoni. Tgħid li dak iz-żmien oħta anqas lil missierhom ma' kienet tkellem.

Tiddikjara li hi kelmet lil missierha kif talbitha tagħmel oħta u dan tant ħadha bi kbira li anqas lilha ma' baqa' jkellem.

Tgħid li hi qatt ma' semgħet lil ommha u lil missierha jitkellmu dwar ftehim fuq x'ser iħallu wara mewthom. Tgħid li hi saret taf li ommha ħalliet biss lilha bħala eredi mingħand in-nutar meta nfetaħ il-wirt ta' ommha.

Tgħid li ċirka sentejn wara l-mewt ta' ommha hi rċievit din il-kawża bil-Marixxal tal-Qorti.

**In kontro-eżami**, xehdet[19] li oħta mindu kienet żgħira qatt ma' kellha relazzjoni tajba ma' ommhom u aktar ma' għadda r-relazzjoni bejniethom aktar iggravat.

[18] Affidavit a fol 96.
[19] Traskrizzjoni a fol 99 sa 107.

Mistoqsija kif tgħid hekk meta kienet lill l-attriċi l-ewwel ma' ċemplet l-omm meta din iddahlet l-isptar tgħid għax inzerta li oħtha kienet *carer* l-isptar u taħseb li l-kollegi tagħha kienu jafu li dik ommha u bagħtu għalija.

Suġġerit lilha li kienet ommha li ċemplet mhux il-kollegi ta' oħta li fittxew lill-oħta tgħid għax id-demm jiġbed. Suġġerit lilha li omma setgħet ċemplet lilha ladarba d-demm jiġbed tgħid li oħta taħdem hemm.

Taqbel li ommha ma' ċemplitx lilha meta kienet lejn l-aħħar ta' ħajjitha fl-isptar.

Taqbel li iben oħta l-attriċi ta' spiss kien ikun ma' ommhom. Tgħid li t-tfal omma rabbithom.

Tirrakkonta li dakinhar li ommha ddaħlet l-isptar kienu d-Dwejra omma, il-*partner* ta' omma, hi, u t-tifel tagħha. Tgħid li ħadu ġelat u ommha ħassitha ma' tiflaħx. Tgħid li qalet lill-omma riditx li teħodha għand tabib iżda omma ma' riditx. Iżżid li mbagħad ħadet lil omma d-dar u hi marret qadja. Tgħid li wara ftit ċempel binha jgħidilha li nanntu – omma – kienet ħażin u ttieħdet l-isptar. Tgħid li dan kien żmien il-*Ċovid-19* u ma' setgħux jaqbdu jmorru l-isptar.

Suġġerit lilha li mhux binha ċemplilha iżda oħta, l-attriċi, tgħid li jista jkun. Tgħid li hi taf iżda li binha ċemplilha għax lilu kien ċempillu l-*partner* ta' omma mbagħad hu ċempel lilha.

Tgħid li l-*partner* ta' ommha kien ma' omma l-isptar. Iżżid li kien hu li ħadha. Tgħid li mhux minnu li l-*partner* ta' omma kien baqa' id-dar rieqed.

Mistoqsija dwar l-allegazzjoni tagħha li ommha u oħta kienu jiġu fl-idejn tikkonferma dak li qalet fl-affidavit. Iżżid li darba waqt festin tal-Milied oħta sawtet lill-ommhom. Tgħid li oħta ma' kull kelma ta' omma kienet ittir għalija. Tgħid li kemm-il darba kellha tifridhom.

Mistoqsija sarux rapporti l-għassa dwar l-allegati aggressjonijiet tgħid li oħta kienet tirrapporta lill-ommhom. Tgħid li omma kienet tgħedded lill-oħta li ġġib il-pulizija iżda safejn taf hi qatt m'għamlitilha rapport.

Mistoqsija dwar l-assunzjoni li għamlet fl-affidavit tagħha li oħta ħadet xi deheb u jekk qattx ratha tieħu xi deheb tgħid li hi qatt ma' ratha tieħu deheb iżda oħta kienet tmur id-dar ta' ommhom tfittex. Tgħid li hi ma kienitx tagħti każ iżda wara sabet xi deheb nieqes. Terġa tgħid li hi ma ratx lil oħta tieħu d-deheb iżda hi ma' ħaditux żgur.

Tgħid li hi kienet taf li omma kienet għamlet testment iżda ma' kienitx taf x'kien fih. Iżżid li hi ma' kienitx preżenti meta sar it-testment minn omma. Tgħid li anqas kienet hi li waslet lill-ommha għand in-nutar sabiex sar it-testment.

Dwar arranġament li sar bejn il-ġenituri tagħha sabiex ommha tħalli werrieta lilha u missiera jħalli werrieta lill-oħta tgħid li ma' taf xejn u li l-ewwel darba li semgħet b'dan kien f'dawn il-proċeduri.

Tgħid li t-testment ta' omma saret taf x'fih biss wara mewt ommha meta fetħitu għand in-nutar.

**Anette Bartolo**, xhud fuq it-testment ta' Jane Curmi, xehdet[20] li n-Nutar Josianne Mifsud ġieli sejħiltilha toqod xhud fuq testmenti ta' xi nies pero ma' tiftakarx minn huma l-istess nies.

Tgħid li hi tkun għand in-Nutar meta din taqra t-testment pero ma' tiftakarx ta' min ikunu.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawża l-attriċi, wara li premettiet li hi u l-konvenuta huma aħwa ulied ta' Jane Curmi, ġja miżżewġa lil Joseph Curmi iżda legalment separata minnu permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ta' l-1 ta' Ottubru 1999, li mietet nhar it-3 ta' Ġunju 2020 u li ħalliet testment pubbliku tal-5 ta' Settembru 2007 in atti Nutar Josianne Mifsud nee' Cini li bih nnominat bħala eredi universali tagħha lill-konvenuta filwaqt li għamlet

[20] Xhieda tas-16 ta' Diċembru, 2022. Traskrizzjoni mhux paginata.

dikjarazzjoni dwar ir-raġuni għalfejn ma' kienet qiegħdha tħalli xejn lilha – lill-attriċi – talbet lil din il-Qorti tiddikjara li t-testment imsemmi ta' ommha Jane Curmi huwa null u bla effett, konsegwentement tiddikjara li l-istess Jane Curmi mietet *ab intestato*, u tikkonferma għalhekk li hi hija eredi tal-istess Jane Curmi.

Il-konvenuta laqgħat għal dan billi eċċepiet li t-talbiet atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, li l-attriċi m'għamlitx referenza għall-artikoli tal-liġi li fuqhom sejsiet it-talbiet tagħha, u li, in oltre, jeżistu raġunijiet ferm gravi u validi fil-liġi għalfejn it-testatirċi ommha, Jane Cumri, ma' ħalliet ebda wirt lill-attriċi. Eċċepiet għalhekk li t-testment ta' Jane Curmi mertu tal-kawża m'huwiex annullabbli ai termini tal-liġi.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi b'nota tagħha tad-19 ta' April 2022,[21] l-attriċi, b'risposta għall-eċċezzjoni relattiva tal-konvenuta, iddikjarat li hija ressqet it-talbiet tagħha ai termini ta' l-Artikoli 871 u 984 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta.

Huwa għalhekk abbażi ta' dawn l-istess artikoli li l-attriċi qed titlob it-tħassir tat-testment ta' ommha Jane Curmi datat il-5 ta' Settembru 2007 in atti Nutar Josianne Mifsud u dan, fuq l-argument li fl-istess testment ommha għamlet dispożizzjonijiet li jirrigwardaw wirt futur ta' persuna oħra, missier il-partijiet Joseph Curmi.

L-attriċi tkompli sabiex tgħid li l-Liġijiet ta' Malta huma ċari dwar wirt futur, kemm tat-testatur inniffsu kif ukoll ta' terza persuna. Iżżid li dispożizzjonijiet dwar tali wirt m'għandhomx isiru u dan a favur tal-ordni pubbliku iżda wkoll abbażi tal-prinċipju legali *votum ċaptandae mortis* ossia; li m'għandux ikun hemm nteress da parti ta' persuna li tfittex li tmut persuna oħra sabiex tgawdi l-effetti ta' xi ftehim.

Da parti tagħha, il-konvenuta tiċħad li t-testment ta' ommha Jane Curmi ġie bbażat fuq ftehim li jinvolvi l-wirt ta' missierha Joseph Curmi. Timplika minflok li ommha ddeċidiet favur id-diżeredazzjoni ta' oħta – l-attriċi – u dan abbażi ta' raġunijiet ferm gravi u validi fil-liġi.

[21] Nota a fol 34.

Huwa għalhekk ċar li l-pożizzjonijiet tal-partijiet kontendenti aħwa ġermani Curmi huma ben distinti u dijametrikament opposti.

L-attriċi tittenta tottjeni l-annullazzjoni tat-testment ta' ommha abbażi ta' dak li hija tipperċepixxi bħala illegalita' fid-dispożizzjonijiet kontenuti fih. Minn naħa l-oħra l-konvenuta tittenta ssostni l-validita' tat-testment ta' ommha fuq l-argument li ommha kellha raġunijiet validi sabiex tiddeċiedi favur id-diseredazzjoni ta' oħtha l-attriċi.

Din il-Qorti hija iżda marbuta bit-talbiet li għandha quddiemha liema talbiet jirrigwardaw il-validita' tat-testment ta' Jane Curmi datat il-5 ta' Settembru, 2007 in atti Nutar Josianne Mifsud tenut kont tad-dispożizzjonijiet kontenuti fih.

Dan stante li ma' saret ebda talba jew kontro-talba dwar il-validita' ta' xi diseredazzjoni u l-effetti tal-istess. Kull ma sar f'dan ir-rigward kienet eċċezzjoni tal-konvenuta li tgħid sempliċement li *kienu jezistu ragunijiet ferm gravi u validi fil-ligi għalfejn effettivament it-testatriċi Jane Curmi ma halliet ebda wirt lill-bintha r-rikorrenti Josephine Azzopardi*[22] u allegazzjonijiet ulterjuri dwar attakki u swat da parti tal-attriċi fil-konfront ta' omm il-partijiet.[23]

Din il-Qoti ma' gietx għalhekk msejjha tikkunsidra l-possibilita' li seħħet diżeredazzjoni tal-attriċi minn ommha t-testatriċi. Infatti ebda provi ma' tressqu dwar tali possibilita' iżda, kif ingħad, saru biss allegazzjonijiet da parti tal-konvenuta. Dan oltre għal fatt li t-testment in mertu tat-testatriċi Jane Curmi mkien u bl-ebda mod ma' jalludi għad-diżeredazzjoni.

Dak li fil-fatt jgħid it-testment tad-deċujus Jane Curmi huwa kif dikjarat mill-attriċi, ossia li:

> <u>*It-Tieni Artikolu:*</u>
>
> *It-testatriċi tinnomina bhala eredi universali tal-beni tagħha kollha in generali, prezenti u futuri, mobbli u mmobbli, lil bintha Lora sive Doreen Vella, mart Roy, toqgħod Viċtoria, Għawdex, bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedha.*

[22] Ref. it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta.
[23] Ref xhieda *viva voċe* tal-konvenuta.

*Bl-obbligu li tibqa tiehu hsieb it-testatriċi sa mewtha u ma tirrikoverahiex f'xi sptar gerijatriku, vulgo tax-xjuh, jekk mhux f'kaz ta' assoluta neċessita'.*

*It-testatriċi tiddikjara illi hija m'hijiex qed thalli xejn lil bintha l-ohra Josephine Azzopardi, mart Saviour, peress illi t-testatriċi u zewgħa Joseph Ċurmi, fuq imsemmi, ftehmu illi l-imsemmi zewgħa Joseph ihalli bhala eredi universali tiegħu lill-imsemmija binthom Josephine Azzopardi u li t-testatriċi thalli bhala eredi universali tagħha lill-imsemmija binthom l-ohra Lora sive Doreen Vella.*[24]

Apparti għalhekk il-fatt li, kif diga' ingħad hawn aktar 'il fuq, b'din l-istanza preżenti ma' saret ebda talba relattivament għad-diżeredazzjoni, il-validita' tal-istess, u l-effetti tagħha; it-testment in mertu bl-aktar mod ċar u kategoriku jagħti raġuni l-għaliex it-testatriċi ma' ħalliet xejn lill-attriċi u, tali raġuni hija kompletament u inkonfutabilment distinta mid-diżeredazzjoni.

Dak li għamlet it-testartiċi kien fil-fatt li għażlet li ma' tħalli xejn mill-wirt tagħha lill-attriċi mhux għax riedet li tiddiżeredita lill-istess attriċi iżda għax, fuq dikjarazzjoni tagħha testatriċi stess suċċitata: hija – it-testatriċi – kellha tħalli bħala eredi tagħha lil bintha l-konvenuta mentri l-eks żewġha kellu mbagħad iħalli bħala eredi tiegħu lill-binthom l-oħra l-attriċi.

Dan ġie kkonfermat min-nutar stess li dderiġiet it-testment tat-testariċi Jane Curmi, in-Nutar Josianne Mifsud, li fix-xhieda tagħha quddiem din il-Qorti kkonfermat li kienu Jane Curmi u l-eks raġel tagħha Joseph Curmi stess li qalulha li ftehmu li jagħmlu dak dikjarat fit-testment ta' Jane u dan bil-fomm. Żiedet imbagħad tgħid li kienet hija li qalet lil Jane Curmi tniżżel tali ftehim li għamlet mal-eks żewġha fit-testment tagħha u dan stante li antiċipat li setgħa jkun hemm kwistjoni b'tali ftehim.

Huwa għalhekk li din il-Qorti taqbel mal-pożizzjoni meħudha mill-attriċi Josephine Azzopardi li għat-testment in mertu għandhom japplikaw l-Artikoli 871 u 984 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, li jipprovdu kif isegwi:

[24] Ref. Kopja awtentikata min-Nutar Josianne Mifsud ezebita a fol 50 u 51.

**871.** *Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi dwar ir-rinunzji f'okkażjoni ta' żwieġ, ħadd ma jista' jirrinunzja għall-wirt ta' wieħed ħaj, jew jittrasferixxi l-jeddijiet li għad jista' jkollu għal dak il-wirt, ħlief meta jieħu l-voti ta' reliġjuż f'ordni monastiku jew f'xirka reliġjuża ta' regulari.*

**984.** *(1) Il-ħwejjeġ futuri jistgħu jkunu oġġett ta' kuntratt.*

*(2) Iżda, ħadd ma jista' jirrinunzja għal suċċessjoni illi tkun għad ma nfetħitx, jew jagħmel ftehim fuqha, sew mal-persuna illi tagħha tkun is-suċċessjoni, kemm ma ħaddieħor, allavolja jkun hemm il-kunsens ta' dik il-persuna; bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar dawn ir-rinunzji jew dan il-ftehim, meta jsiru f'okkażjoni ta' żwieġ, jew meta jittieħdu l-voti reliġjużi.*

Minn qari akkuarat ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi nostrana huwa ċar li l-ligi ma' tridtx li jsir ftehim dwar suċċessjoni li tkun għadha ma' nfetħitx, anke jekk, bħal ma' tgħid in-Nutar Josianne Mifsud dwar it-testment suġġett għal din l-azzjoni, l-istess ftehim ikun seħħ bil-kunsens tal-persuna li tagħha tkun tali suċċessjoni.

Huwa ċar, u l-ġurisprudenza nostrana hija kostanti dwar dan, li dawn id-dispożizzjonijiet huma mmirati favur l-ordni pubblika.[25]

L-istess id-dottrina in mertu fejn Diocleziano, *inter alia*, jgħid li:

*la convenzione sulla futura suċċessione (o sull'eredità futura) è nulla perché l'oggetto non esiste anċora, o perché è immorale.*

Fid-deċizjoni tal-Qorti tal-Appell nostrana ta' nhar it-23 ta' Mejju, 1921 mogħtija fl-ismijiet ***Dr. Carlo Galea Naudi vs Dr. Roberto Naudi***, il-Qorti għamlet referenza għal Giorgi fejn dan qal kif isegwi:

*[...] pel quale e disposto che non si puo fare alcuna stipulazione sulla successione non anċora aperta sia con la persona della cui successione si tratta, sia con terzi quantunque vi intervenisse l-consenso di tale persona.*

[25] Ref. *inter alia*, id-deċizjoni mogħtiaj mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Mejju, 2014 fl-ismijiet ***Edward Spiter et vs Anthony Spiteri et***.

Bl-istess mod, fid-deċizjoni mogħtija mil-Qorti tal-Appell nostrana nhar it-30 ta' Mejju, 2014 fl-ismijiet ***Edward Spiteri et vs Anthony Spiteri et*** ġie ritenut li:

> *Jekk il-ftehim huwa wieħed dwar wirt futur, kemm jekk il-wirt hu ta' persuna li hija parti fil-ftehim u kemm jekk il-ftehim isir dwar il-wirt ta' terza persuna, dak il-ftehim ma jkunx jiswa. Ir-raġuni għal dan hija waħda ta' ordni pubbliku u ġejja mid-dritt ruman,[26] għax il-liġi ma tridx illi jkun hemm dak li jissejjaħ votum ċaptandæ mortis, i.e. l-interess ta' parti li persuna tfittex tmut sabiex dik il-parti tgawdi l-effetti tal-ftehim.*

Minn dawn l-insenjamenti kemm tal-awturi ċċitati kif ukoll tal-ġurisprudenza nostrana huwa ċar li ftehim bhal dak dikjarat fit-testment ta' Jane Curmi, magħmul bejn it-testatriċi Jane Curmi u l-eks żewġha Joseph Curmi – kemm jekk tassew sar u kemm jekk le, tenut kont tad-diverġenza fix-xhieda mogħtija mill-attriċi u n-Nutar Josianne Mifsud minn naħa u l-konvenuta minn oħra, iżda ġjaladarba fuq il-premessa tal-eżistenza tiegħu sar it-testment tat-testatriċi Jane Curmi – bħala ftehim dwar wirt futur ċertament seħħ bi ksur tal-prinċipji u l-provizzjonijiet iċċitati u għalhekk, stante li l-intier tat-testment tat-testatriċi Jane Curmi huwa msejjes fuqu, jwassal għall-annullabilita' tat-testment ta' Jane Curmi.

Dwar it-talba attriċi sabiex f'tali każ fejn jigi annullat it-testment ta' Jane Curmi, l-attriċi tiġi dikjarata bhala eredi ta' ommha Jane Curmi, mill-atti jirriżulta nkontestat li l-uniċi ulied ta' Jane Curmi huma l-partijiet kontendenti.

Dan jixhduh l-istess partijiet ilkoll fl-affidavits tagħhom.[27] L-istess jirriżulta ulterjorment mill-kuntratt ta' separazzjoni personali ffirmat minn Jane Curmi u l-eks żewġha Joseph Curmi fejn fl-ewwel premessa tal-istess jingħad li (i)*l-partijiet* – Jane u Joseph Curmi – *jippremettu illi huma izzewgu lil xulxin fil-wiehed u għoxrin (21) ta' Novembru elf disa' mija wiehed u sebgħin (1971) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, Lora u Jospehine*.[28]

---

[26] Ara Ċod. II, 3 (de paċtis), L. 30. Għalkemm Ġustinjanu ordna illi d-divjet ikun *"nisi ipse forte, de cuius hereditate pactum est, voluntatem suam eis accommodaverit et in ea usque ad extremum vitæ spatium perseveraverit"*, fid-dritt modern il-ftehim ma jiswiex jekk isir *"sew mal-persuna illi tagħha tkun is-suċċessjoni, kemm ma ħaddieħor"*.
[27] Ref. l-ewwel paragrafu kemm tal-affidavit tal-attriċi a fol 40 u 41 kif ukoll ta' dak tal-konvenuta a fol 96.
[28] Ref. kuntratt ta' separazzjoni personali tal-1 ta' Otturbu, 1991 a fol 52 *et seq*.

Huwa għalhekk ċar li ġjaladarba l-attriċi hija wild ta' Jane Curmi, fil-każ li Jane Curmi tiġi meqjusa li mietet *ab intestato*; l-istess attriċi tkun naturlament tista tiġi dikjarata bħala eredi tagħha.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuta konformement ma' dak hawn deċiż:

i. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li t-testment ta' Jane Curmi tal-5 ta' Settembru, 2007 in atti Nutar Josianne Mifsud huwa null u mingħajr ebda effett fil-Liġi;

ii. Tilqa' it-tieni talba attriċi u tiddikjara li għalhekk Jane Curmi mietet *ab intestato*;

iii. Tilqa' it-tielet talba attriċi u tikkonferma li l-attriċi Josephine Azzopardi hija eredi ta' ommha Jane Curmi.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tal-konvenuta.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur